# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2111

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2654/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Mirana Azzopardi (489676M) u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2010 il-kunjom gie mibdul ghal MAGRO**

**vs**

**Maltapost plc (C 22796)**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

Illum 8 ta' Novembru 2011

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Mirana Azzopardi pprezentata fir-Registru tal-Qorti fis-16 ta' Jannar 2009, u ffirmata mill-avukat Aron Mifsud Bonnici.

DIKJARAZZJONIJIET

Fid-Dikjarazzjoni taghha, Mirana Azzopardi tghid li hija kienet impjegata mal-kumpanija intimata meta fit-2 ta' Dicembru 2008 hija giet infurmata li l-impieg taghha kien itterminat definittivament. Qalet li tali tkeccija ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti ai termini ta' l-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u ghalhekk talbet li l-kaz taghha jinstema minn dan it-Tribunal. Fis-seduta tas-7 t'April 2009 ir-Rikorrenti talbet biex f'kaz ta' ezitu pozittiv hija tkun reinstated u talbet li tipprezenta stqarrija tal-kaz tardiva, ghal liema talba ma kienx hemm oppozizzjoni. Fl-istqarrija tal-kaz hija ziedet tiddikjara li f'Gunju 2008 kien inbeda kaz ta' dixxipllina kontriha dwar incident li sehh fis-7 ta' Jannar 2008. Tghid li li skond il-Ftehim Kollettiv proceduri dixxiplinari kontra impjegati ikunu jridu jinbdew fi zmien xahrejn mill-kaz, mentri f'dan il-

kaz il-proceduri ttiehdu madwar hames xhur wara. Tghid ukoll li hija kienet giet imwiddba dwar l-incident in kwistjoni u hasbet li l-kaz kien inghalaq, imma imbaghad hija giet infurmata li kienu qed jittiehdu passi dixxiplinari wkoll. Tghid li l-provi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kienu konfliggenti u n-nuqqas taghha ma giex pruvat. Tghid li ghalhekk it-tkeccija taghha ma kinitx gusta u kellha tinghata l-impieg lura u tinghata kumpens.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha tal-20 ta' Frar 2009, is-socjeta` intimata rrispondiet li r-rikorrenti kienet tkecciet wara process dixxiplinarju skond il-Ftehim Kollettiv, wara li nstabet hatja ta' nuqqas ta' tharis tal-obbligi tal-impieg, meta dewmet it-tqassim tal-posta. Hija ssottolineat il-fatt li l-agir tal-appellanti kien bi ksur tal-gurament li dwaru hemm provvediment specifiku fil-ligi, cioe` fl-Att Dwar il-Posta. Gew esebiti numru ta' korrispondenzi mibghuta mis-socjeta` intimata fejn fost affarijiet ohra huwa indikat li l-kwistjoni kienet dwar oggetti postali normali li kellhom jitqassmu go flats, u pakketti mdaqqsa ("bulky") li lkoll kellhom jitqassmu fis-7 ta' Jannar 2008, izda r-rikorrenti poggiethom f'*depository box* u halliethom hemm anke l-ghada u l-jum ta' wara, meta imbaghad nstabu minn haddiehor.

<u>PRELIMINARI</u>

Fil-fazi inizjali ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal gie infurmat mill-partijiet li ma kienx hemm possibilita` ta' ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi minhabba d-diversi xhieda prodotti li tressqu fuq numru ta' seduti. Fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2009 il-partijiet qablu li qabel jitressqu l-provi dwar il-mertu kellhom jitressqu provi dwar il-procedura adotta, fis-sens jekk din kinitx skond il-Ftehim Kollettiv. Dwar din l-eccezzjoni preliminari inghatat decizjoni parzjali fis-27 t'Ottubru 2009 fejn gie stabbilit li ma nkisret l-ebda regola ta' procedura da parti tas-socjeta` intimata.

Fit-2 ta’ Marzu 2010 ir-rikorrenti infurmat lit-Tribunal li kunjomha kien sar Magro, u b’digriet relattiv kunjom ir-rikorrent gie mibdul ghal Magro.

IL-PROVI

Is-socjeta` intimata ressqet lil Human Resources Manager Stefania Camilleri dwar l-eccezzjoni preliminari. Sussegwentement regghet xhedet biex tesebixxi l-gurament li jiehu kull impjegat tal-Posta, inkluza r-rikorrenti, fejn fost affarijiet ohra jiddikjarw li ma jdewmux oggetti postali milli jitqassmu. Qalet li l-oggetti postali li ma tqassmux kienu 17, u kollha kellhom indirizz. Spjegat kif hija kienet parti mill-Bord tad-dixxiplina fejn ir-rikorrenti sostniet li ghall-oggetti li ma qassmitx halliet avviz, izda rrizulta li dan ma kienx veru u ghalhekk kien inkiser il-gurament: dan iwassal ghal tkeccija. Fuq rakkomandazzjoni ghal tkeccija, r-rikorrenti appellat quddiem ic-Chief Executive Officer, izda t-tkeccija giet ikkonfermata.

Xhedet ukoll lill-Assistant manager Josianne Bongailas: hija xhedet li l-ghada li saru jafu bl-oggetti postali mhux imqassma baghtet ghar-rikorrenti u staqsietha ghalxiex ma qassmithomx, imma din spiccat tibki u l-unika spjega li kellha kienet li certi oggetti postali kienu tqal. Gie esebit rapport bla data maghmul minn din ix-xhud fejn hija tghid li l-oggetti mhux imqassma ma kellhomx indikat fuqhom li ma tqassmux ghax ma fetah hadd; oggetti ohra kienu jikkonsistu f’karti ta’ daqs A4 li ma kellhomx “Do Not Bend”, u allura setghu jintwew u jitqassmu; jinghad li Mirana Azzopardi allegat li impustat l-avvizi ghall-kollezzjoni tal-oggetti postal imdaqqsa, izda rrizulta li dan ma kienx veru ghax hadd ma cempel biex jigbor l-oggeti mdaqqsa. Stenniet kwazi xahrejn li jcemplu ghalihom u meta rat li hadd ma cempel ghaddiet il-kaz lill-manager. Gie esebit il-Ftehim Kollettiv li mieghu ghandu anness Kodici ta’ Mgieba: it-Taqsima relevant hija intitolata “Disciplinary Procedure”. Bongailas xhedet li d-*depository boxes* qeghdin biex iserrhu lill-pustiera minn oggetti postali tqal: meta oggett ma jitqassamx il-pustier ghandu jhalli avviz lil

min suppost kellu jircevih;  jekk it-tqassim ma jsirx ghal kwalunkwe raguni ohra, il-pustier ghandu javvza lis-superjuri tieghu b'dan sabiex tinstab soluzzjoni.  Jekk il-pustier jinnotifika recipjent b'oggett postali mdaqqas jew ittra registrata, imbaghad huwa  jkun jista' jhalli l-oggett postali fid-*depository box* ghall-ghada.  Fil-kaz prezenti ir-rikorrenti ma avvzat lil hadd li ma qassmitx numru ta' oggetti postali.  L-ghada hija marret taghmel rotta differenti u l-oggetti baqghu fid-*depository box*, mentri min ghamlilha r-rotta taghha ma uzatx din id-*depository box*, imma ohra.  Fil-jum ta' wara r-rikorrenti telqet mix-xoghol kmieni ghax hassitha ma tiflahx u kien aktar tard f'dan il-jum li b'kumbinazzjoni nstabu l-oggetti postali ta' jumejn qabel.  Qalet li meta xi hadd ikun ma jiflahx jew iwegga', xogholu jiehdu haddiehor dakinhar stess, u gieli anke ddahhlu nies mil-leave biex ix-xoghol jitqassam xorta wahda.

Xhed il-kap ezekuttiv Joe Gafa` li esebixxa numru ta' dokumenti: jghid li f'Awwissu 2008 inharget cirkolari li ffirmata anke r-rikorrenti fejn l-impjegati tal-posta inghataw dettalji dwar dak kollu li jirrigwarda t-terminazzjoni ta' l-impieg taghhom.  Fost affarijiet ohra jinghad fi klawsola 3 li ghal min jikser l-etika ta' l-impieg skond il-Ftehim Kollettiv ma jkunx hemm triq ohra hlief li jitkecca. Esebixxa wkoll Standard Operating Procedures li l-kumpanija intimata harget fis-7 ta' Dicembru 2007 u mghoddija lill-impjegati kollha inkluza r-rikorrenti. Dan id-dokument jirriproduci hafna minn dak li fih il-Ftehim Kollettiv dwar kif ghandhom igibu ruhom l-impjegati.  Paragrafu 3.11 ta' dan id-dokument jaghmilha cara li  "*Apart the legal responsibility that an individual would expose himself to if there is a breach of the oath taken in accordance to the Post  Office Act, the employee will be dismissed from his employment. . . .*"
Jixhed li minn zmien ghal zmien il-Posta tohrog dokumenti biex l-impjegati jirregolaw ruhhom, u jghid li anke verbalment ifakkar lill-haddiema li jkunu fil-Hub tal-posta biex jimxu mal-gurament li kienu hadu.  Biex il-haddiema jzommu dan kollu f'mohhom, anke posters saru u twahhlu fuq il-post tax-xoghol.  Jghid li huwa sema' l-appell, irrikonsidra kollox izda rega' wasal ghall-istess decizjoni li r-rikorrenti kellha titkecca. Gie ssuggerit lix-xhud li r-

rikorrenti tressqet il-Qorti dakinhar stess mill-pulizija fuq dan il-kaz izda giet liberata: ix-xhud ma setax jikkonferma dan.  F'seduta sussegwenti s-socjeta` intimata esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn in rigward ta' l-incident mertu ta' din il-kawza Mirana Magro ammettiet l-akkuzi kollha migjuba kontriha, inkluz il-ksur tal-gurament tal-posta u giet liberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.  Skond l-istess sentenza, dik il-Qorti spjegat lir-rikorrenti x'kienet tfisser din is-sentenza.

Xhedet imbaghad ir-rikorrenti li qalet li kienet ilha mal-posta minn Settembru tal-1996, mentri l-incident sehh f'Jannar 2008.  Tghid li fil-jum in kwistjoni ghamlet it-tqassim kwazi kollu meta kien fadlilha xi pakketti li ghal min kienu ma fethilhiex. Tghid li wara li halliet l-avviz taghhom, dawn poggiethom f'*depository box*, imma maghhom poggiet oggetti postali ohra li hija tiddeskrivi bhala "riklami". Tispjega li dawn baqghu mhux imqassma jew ghax ma fethilha hadd jew ghax ghal min kienu ma kellux *letter-box*. Tghid li l-ghada intbaghtet fuq rotta differenti, imma anke x-xufier kien differenti u ma nfurmatux li halliet xi oggetti postali fil-kaxxa.  Imbaghad fil-jum ta' wara hija marret fuq ir-rotta normali u x-xufier ħa l-oggetti li kien hemm fil-kaxxa lejn il-*hub* tal-posta.  Finalment ir-rikorrenti giet affacjata b'dokument li jikkonsisti f'notamenti ta' kemm-il darba hija giet mitkellma minhabba xi ilment li saru kontra taghha, u hija tghid li ma tiftakarx li kienu kellmuha. Biss imbaghad tispjega li meta xhedet li qatt ma kienu sarula ilmenti kienet qed tfisser li qatt ma inghatat twissija bil-miktub.

<u>KONSIDERAZZJONJIET</u>

Dan id-Tribunal ihoss li meta wiehed jevalwa din ix-xhieda ftit li xejn hemm x'tiddelibera.  Dan it-Tribunal ma jsibhiex kredibbli l-verzjoni tar-rikorrenti li ghal kull oggett postali li ma qassmitx halliet avviz, imbaghad hadd ma talab li jigbru.  L-anqas ma hi sodisfacenti l-ispjega ta' ghalxiex l-oggetti postali l-ohra ma tqassmux: ir-rikorrenti bhal tqishom bhala oggetti postali mhux important

ghax huma “riklami”,  imma xorta jibqa’ inspjegabbli kif ma qassmithomx “ghax ma fethuliex” jew “ghax ma kellhomx letter box”: ghar-riklami mhemmx bzonn jifthulek il-bieb, u l-pustiera dejjem isibu mezz iqassmu l-posta anke meta mhemmx kaxxa postali.  Dwar l-oggetti postali mdaqqsa, l-intimata tat hafna zmien biex forsi min kellu jircevihom jikkuntattjahom, izda hadd ma cempel u allura l-probabilta` hi li ma thalla ebda avviz.  Dan it-Tribunal ihossu konvint li ma kienx hemm raguni gustifikata biex l-oggetti postali jithallew fid-*depository box*, u kien propjru ghalhekk li r-rikorrenti ma avvzat lil hadd bihom; imbaghad nesiethom hemm.

Dan it-Tribunal htieglu jara jekk kienx hemm kaz ta’ tkeccija minghajr twissijiet.  Il-lista ta’ lmenti prodotta lejn l-ahhar tal-kawza mhux qed tinghata piz ghax mhi konfermata minn hadd. Biss mhemmx dubbju li l-Ftehim Kollettiv vigenti jaghmilha cara li f’Appendici Nurmu 4 ntitolat “Code of Behaviour”, klawsola 8 li min jikser il-gurament tal-Posta ghandu jitkecca. Dan il-provvediment gie ripetut fic-cirkolari tal-2007 citata hawn fuq, u ghalhekk mhux biss il-Posta kellha l-fakulta` (jew sahansitra l-obbligu) li tkecci lil min jikser il-gurament, izda l-impjegati kollha kienu jafu sew b’dan.  Jekk ir-rikorrenti l-anqas biss taf x’kien fiha c-cirkolari li ffirmat ghaliha, dik hija responsabbilta` taghha.  Dan it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti iggib ruhha qisu xejn mhu xejn: l-impieg taghha kien jimporta responsabbiltajiet serji li hi hadet b’leggerezza; daqskemm ma jidhirx li tat kaz tal-Magistrat li sema’ l-kaz kriminali taghha u li fl-ahhar widdibha dwar kif kien qed jigi deciz il-kaz taghha; hi fehmet li ma ghamlet xejn hazin u li giet liberata! It-Tribunal ihoss li l-Posta ghandha dover sagru li tqassam il-posta kollha b’mod efficjenti (irrispettivament minn kemm dik il-posta tkun importanti) u li ghandha telimina kull xkiel ghal biex dan it-tragward jintlahaq. Il-Posta imxiet b’kawtela u rrizultalha nuqqas serju da parti tar-rikorrenti.  Ghalhekk jirrizulta li l-kumpanija intimata kienet gustifikata tittermina l-impieg tar-rikorrent.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet wahda kompletament gustifikata. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ disghin Euro (€90.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman